# MARKI TA' ĦAJJA MIMLIJA BL-ISPIRTU

**(Efesin 5:18-21)**

Minn
George Ebejer
**MARKI TA' ĦAJJA MIMLJA**

# BL-ISPIRTU
## (Efesin 5:18-21)

L-appostlu Pawlu, jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu,

> "*U la tiskrux bl-inbid, li fih hemm il-ħajja bla rażan; imma mtlew bl-Ispirtu; Billi tgħidu wieħed lil ieħor salmi, innijiet u għanjiet spiritwali, tgħannu u tgħidu s-salmi lill-Mulej f'qalbkom; Troddu l-ħajr dejjem u ta' kollox 'l Alla l-Missier f'isem Sidna Ġesù Kristu; Billi tissottomettu ruħkom għal xulxin fil-biża' ta' Kristu.*"

Fit-Testment il-Qadim Alla kellu tempju għall-poplu tiegħu. Fit-Testment il-Ġdid Alla għandu poplu għat-Tempju Tiegħu. Fit-twelid mil-ġdid tiegħu, kull wieħed li jemmen isir tempju ta' Alla l-ħaj. Fil-Jum ta' Pentekoste Pietru qal lis-semmiegħa tiegħu,

> "*Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tir-ċievu d-don ta' l-ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Jekk int kont imwieled mill-ġdid allura inti xi ħadd u fik għandek lil xi ħadd! Dak ix-xi ħadd huwa l-Ispirtu s-Santu ta' Alla.

Iżda dan il-proċess Divin ma jispiċċax fil-magħmudija Dak li jemmen għandu jkompli ma' l-Ispirtu ta' Alla. Għalhekk, Pawlu jgħid lill-Kristjani ta' Efesu,

> “*U la tiskrux bl-inbid, li fih hemm il-ħajja bla rażan; imma mtlew bl-Ispirtu*” (Efesin 5:18).

Din mhix għażla iżda ordni. Li tkun mimli bl-Ispirtu mhuwiex xi ħaġa li aħna nagħmlu jekk aħna rridu biex inkunu sopra-spiritwali. Din hija responsabbiltà ta’ kull wieħed u waħda li jkunu twieldu mill-ġdid. Aħna għandna nkunu mimlija bl-Ispirtu. Li tkun mimli bl-Ispirtu jfisser li mhux biss li l-Ispirtu s-Santu qiegħed residenti fil-ħajja tagħna, imma li l-Ispirtu s-Santu Hu l-President tal-ħajja tagħna. Huwa mhuwiex sempliċi-ment preżenti, imma Hu preeminenti. L-istess kif wie-ħed sakranazz ikun mimli u ddominat bil-qawwa ta’ l-inbid, il-Kristjan għandu jkun mimli u ddominat bil-qawwa ta’ l-Ispirtu s-Santu.

Kif jista’ wieħed ikun jaf jekk hux qiegħed iwettaq din l-obligazzjoni divina? X’inhuma l-marki ta’ dawk li huma progressivament qegħdin ikunu mimlija bl-Ispirtu? Waqt li vers 18 jagħtina l-kmand, it-tliet versi ta’ wara jagħtuna t-tliet marki li jidentifikaw ta’ dik il-persuna li tkun mimlija bl-Ispirtu s-Santu. Dawn fil-Grieg juru azzjoni kontinwa. X’inhuma t-tliet marki li jidentifikaw lil dik il-persuna mimlija bl-Ispirtu s-Santu?

## *TGĦIDU:* IL-MARKA TAL-QIMA

> “*Tgħidu wieħed lil ieħor salmi, innijiet u għanjiet spiritwali, tgħannu u tgħidu s-salmi lill-Mulej f’qalbkom*” (Efesin 5:19).

Din il-marka titkellem dwar ir-relazzjoni tagħna lejn il-Mulej Alla. Din hija marka ta' qima. Il-ferħ tagħna jkun fl-aqwa tiegħu fit-tifħir tagħna lil Alla. Il-qlub tagħna jkunu jridu jkantaw adorazzjoni u ringraz-zjament lil Alla, il-Feddej tagħna.

## Il-Metodu tal-Qima Tagħna

L-appostlu Pawlu jgħid dan: "li tgħidu" għandu jsir "*f'salmi, innijiet u għanjiet spiritwali.*" M'għandniex aħna nippressaw wisq id-distinzjoni fuq dawn it-termi-ni. Iżda, għandu jkun hemm xi distinzjoni. "Salmi" huma s-salmi tat-Testment il-Qadim. Dan kien il-ktieb tal-kant tal-knisja tal-bidu. Pawlu jordna biex infaħħru lil Alla bil-Ktieb ispirat Tiegħu. Tkun xi tkun il-burd-ata tagħna, ikun xi jkun id-dwejjaq jew il-ferħ tagħna, tkun xi tkun il-problema tagħna, aħna nistgħu nsibu salm biex nesprimu dak li nkunu qegħdin inħos-su.

"*Innijiet*" huma kant ta' tifħir indirizzat lil Alla. In-nijet jistgħu jkunu produzzjoni unika Kristjana, waqt li "*Għanjiet Spiritwali*" huma forsi l-aktar kant infor-mali li jesprimu t-twemmin, il-ferħ, u r-ringrazzjament tagħna. Dawn huma wisq aktar personali mill-innijiet u salmi u jkunu mogħtija minn ġenerazzjoni għall-ġenerazzjoni.

## Il-Mezzi tal-Qima Tagħna

L-appostlu Pawlu wkoll jgħid li aħna għandna "*nkantaw u ngħannu minn qalbna lill-Mulej.*" Il-kelma Griega għal "agħmlu mużika" attwalment tfisser, "li ddoqq bla qies mingħajr ma taf iddoqq, ġebbed il-kordi ta' strument bla qies jew sengħa u bla

ma kien jaf idoqq." Pawlu jiddefinixxi dak l-istrument bħala li hu l-qalb! Jekk aħna nkantaw mingħajr ma nġebbdu l-kordi tal-qlub tagħna, allura ma nkunux tassew aduraj-na lil Alla. Il-qalb tagħna hija l-mezz tagħna li nfaħħru u naduraw lil Alla b'mod ġenwin.

**Il-Motiv tal-Qima Tagħna**

Il-motiv tagħna huwa "lill-Mulej" jgħid Pawlu fil-vers 19. Dan mhuwiex biex neżaltaw lilna nfusna jew biex naraw kemm sabiħ aħna kapaċi nħalltu l-vuċijiet tagħna flimkien. Lanqas ma hu saħansitra biex nedifikaw lilna nfusna. Il-motiv primarju tagħna f'li ngħidu salmi, innijiet u għanjiet spiritwali huwa biex inġibu unur u tifħir ġenwin lill-Feddej tagħna.

X'inhi l-agħar ħaġa li tista' tintqal dwar il-qima tagħna fil-kant? Mhux li min qiegħed imexxi l-kant jistona. Imma li aħna ma nkunux kantajna ġenwinament biex neżatlaw lil Ġesù Kristu, l-Mulej tagħna! Isma' xi jgħid il-kittieb tas-Salmi, f'Salm 96:1-6,

> "*Għannu lill-Mulej għanja ġdida: Għannu lill-Mulej, fl-art kollha! Għannu lill-Mulej, bierku lil ismu; ħabbru s-salvazzjoni tiegħu minn jum għal jum! Xandru l-glorja tiegħu fost il-ġnus, l-egħġubijiet tiegħu fost il-popli kollha. Għax kbir il-Mulej, u wisq ta' min ifaħħru: hu tal-biża' fuq l-allat kollha. Għax l-allat kollha tal-ġnus huma idoli: iżda l-Mulej għamel is-smewwiet. Il-ġieh u l-maestà huma*

*quddiemu: il-qawwa u s-sbuħija huma fis-santwarju tiegħu.*"

## *RINGRAZZJAMENT*: IL-MARKA TA' APPREZZAMENT

"*Troddu l-ħajr dejjem u ta' kollox 'l Alla l-Missier f'isem Sidna Ġesù Kristu*" (Efesin 5:20).

Jekk l-ewwel marka titkellem dwar ir-relazzjoni tagħna lejn Alla, din titkellem dwar ir-relazzjoni tagħna lejn *iċ-ċirkustanzi*. Fl-affarijiet kollha aħna għandna jkollna spirtu ta' ringrazzjament, ta' ħajr.

### Korrett fid-Direzzjoni

Xi kwalità ta' ringrazzjament huwa dan? Dan huwa ringrazzjament li hu korrett fid-direzzjoni tiegħu:

"*Troddu ħajr…lil Alla l-Missier.*"

Qatt int għedt li "llum kont iffurtunat!" jew "id-destin ċertament kien fuq in-naħa tiegħi"? L-appostlu Pawlu jgħid li aħna għandna nagħtu kredt lil Alla.

### Żamma Kontinwa

"*Roddu dejjem ħajr…*" jikteb Pawlu. Aħna għandna nkunu dejjem grati, Wieħed li jkun taħt il-kontroll ta' l-Ispirtu jagħżel bil-ħsieb f'kull ħin biex jirringrazzja lil Alla għal kif ħu qiegħed jaħdem permezz taċ-ċirkustanzi fil-ħajja tiegħu.

### Komplet fid-Dimensjoni

L-appostlu Pawlu finalment jgħid, "*…ta' kollox.*" Jiena nista' nirringrazzja lil Alla għal saħħa tajba, iżda huwa differenti għal kollox li nirringrazzja lil Alla talli jiena nkun trux! Huwa faċli biex tfaħħar lill-

Mulej għal żieda fis-salarju, iżda xi ngħidu dwar it-tmiem ta' mpjieg? Pawlu jgħid li kull ċirkustanza li tiġi fil-ħajja tiegħi hija rigal minn Alla, u jiena għandi nirringraz-zjah għaliha. Huwa dan diffiċli? Iva. Imma dan huwa l-marka li l-ħajja tiegħi hija taħt il-kontroll ta' l-Ispirtu ta' Alla u mhux taħt il-kontroll tiegħi nnifsi. Meta jien nagħti ħajr ta' kollox ikun ifisser dan li jien napprova l-ħażen? Le! Dan ifisser li jiena nafda f'Alla. Aħna nemmnu li fis-semwwiet ma hemm ebda paniku, għa-liex Alla għadu fuq it-tron tiegħu. Forsi aħna ma nku-nux nistgħu li nifhmu għaliex ċerti ħwejjeġ qegħdin jiġru fil-mod li huma qegħdin jiġru. Imma aħna nem-mnu li xejn ma jiġri mingħajr il-permess Tiegħu. Dak li jiġri jiġri għaliex Hu jħallih u jgħid li dan jirriżulta għall-aħjar interess tagħna.

Nirringrazzjawh aħna għax-xemx; Nirringrazzjawh għax-xita? Nirringrazzjawh aħna għall-ferħ; Nirringra-zzjawh aħna għall-uġigh? Nirringrazzjawh aħna għall-qligħ; Nirringrazzjawh aħna għat-telf? Nirringrazz-jawh aħna għall-barkiet; Nirringrazzjawh aħna għas-slaleb?

## *SOTTOMISSJONI*: IL-MARKA TA' AKKOMODAZZJONI

> "*Issottomettu ruħkom għal xulxin fil-biża' ta' Kristu*" (Efesin 5:21).

"Sottomissjoni" titkellem dwar ir-relazzjoni ta' wie-ħed ma' l-ieħor.

**Sottomissjoni Umli**

Fi żmien l-appostlu Pawlu "issottometti" kienet terminu militari. Dan kien letteralment ifisser wieħed ugwali jpoġġi lilu nnifsu taħt ieħor ugwali. Dan ma kellu l-ebda tifsira miżjuda miegħu ta' inferjorità. Alla l-Iben issottometta għal Alla l-Missier. Hu kien għal kollox ugwali ma' Alla l-Missier (Mattew 28:19), imma Hu volontarjament issottometta Lilu Nnifsu. (Ġwanni 1:1, 14; 5:17,18, 23; 10:30, 33-38; 14:28b; Filippin 2:5-7). Minn dawn l-Iskritturi naraw li Ġesù Kristu kien kemm Alla u kemm bniedem. Hu kien "*daqs Alla*" imma fis-sottomissjoni volontarja Tiegħu Alla kien "akbar minnu." Xi wħud din il-ħaġa ma jifhmuwiex u minħabba dan in-nuqqas ta' għarfien tagħhom huma jgħallmu tagħlim żbaljat għalkollox dwar il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, jiġifieri, huma jgħallmu li Hu mhuwiex Alla li Jista' Kollox!

In-nisa għadhom ikunu sottometti lejn żwieġhom—imma dan hu biss wirja tal-prinċipju. Huma mhumiex dawk biss biex jipprattikaw is-sottomissjoni. Is-sottomissjoni hija għal kull emmieni. Għall-grad li aħna b'umiljazzjoni nissottomettu għal kull emmieni ieħor, għal dak l-istess grad li aħna mimlija bl-Ispirtu. Raġuni waħda li xi Kristjani qatt ma jaslu mkien fil-ħajja Kristjana tagħhom hija li huma qegħdin iqumu għaddrittijiet tagħhom! Sakemm xi ħadd jieqaf għad-drittijiet tiegħu, hu (jew hi) ma jistax iċedi għall-kontroll ta' l-Ispirtu. Fuq kollox, xi drittijiet għandu bniedem mejjet?

## Sottomissjoni Ta' Għajnuna

Għaliex emmieni wieħed għandu jpoġġi lilu nnifsu taħt l-awtorità ta' emmieni ieħor? Biex jaqdih. Biex

igħinu. Xi nies iridu li jkunu mimlija bl-Ispirtu imma ma jridux li jieħdu xi biċċa xogħol u jmorru jagħtu tazza ilma friska f'isem Ġesù. L-appostlu Pawlu qal,

> "*Għax aħna ma nxandrux lilna nfusna, imma 'l Kristu Ġesù Mulej; u aħna nfusna m'aħniex ħlief il-qaddejja tagħkom għal Ġesù*" (2 Korintin 4:5).

Aħna għandna nservu wieħed lil ieħor fl-imħabba. Jekk il-Kristjaneżmu tagħna m'għamilniex kuntenti u ferħanin, dan jista' jkun għaliex aħna ma konniex qegħdin ngħinu lil xi ħadd.

**Sottomissjoni Qaddisa**

Pawlu jgħid,

> "*Issottomettu ruħkom għal xulxin fil-biża' ta' Kristu*" (Efesin 5:21).

Jiena nissotommeti għalik u int tissotommetti għalija minħabba Ġesù! Hu serva lil oħrajn; Hu tana l-eżempju u poġġa l-mudell.

## KONKLUŻJONI

Il-Kristjani għandhom ikunu mimlija bl-Ispirtu. Aħna għandna nħallu d-dinja tara x'hemm ġewwa fina, x'jiddominana u x'jikkontrollana. Id-dinja hija kkontrollata minn spirti ħżiena; ħallihom jaraw fil-kliem tagħna, u fir-ringrazzjament tagħna, u fis-sottomissjoni tagħna l-Ispirtu l-ġdid li jinsab fina. Li tkun mimli bl-Ispirtu ta' Ġesù huwa li tkun Bħalu.

> "*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-*

*Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*"
(2 Korintin 13:13-14).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew: www.churchofchristmalta.com